**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Raphael Axiaq ta' 27 sena iben Alfred u Mikelina nee Cini li joqghod 'Paradise', Rabat Road, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Nru 18271 (G)**
**u**
**Joseph Buttigieg iben Carmelo u Carmena nee Attard li joqghod 4, St. James Street, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Nru 34056 (G)**

Illum 13 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati talli fl-4 ta' Mejju 1998 ghall-habta tas-1:30p.m. waqt li kienu f'ghalqa maghrufa bhala "Tal-Hanaq" fi Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex (1) volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied, (2) talli verbalment heddew u nsulentaw lil Emanuel Muscat minn Nadur, (3) talli hebbew b'mghazqa kontra l-persuni ta' John Muscat u Paul Muscat minn Nadur u kkagunawlhom griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr J Farrugia M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex (4) Joseph Buttigieg akkuzat talli fl-istess data, hin u lok garr senter tal-kacca f'distanza ta' anqas minn hamsin (50) metru boghod minn triq mnejn jghaddu vetturi bil-mutur u anke garrew l-istess arma tan-nar meta ma kienetx fl-ghata taghha.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputati hatja;

Rat l-artikoli 338 (dd) u 339 (1) (e) ;

Tikkundanna lil Raphael Axiaq ghall-hlas ta' multa ta' tletin lira Maltin (Lm30) u lil Joseph Buttigieg ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm100).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur